MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Numru. 142/2008

**Il-Pulizija**
**[Spetur Mario Tonna]**

**vs**

**Francis Falzon**

Kumpilazzjoni Numru 142/2008

**Illum 18 ta' Marzu 2010**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Francis Falzon ta' 57 sena iben John u Mary neé Vassallo imwieled Rabat Malta, fid-19 ta' Settembru 1950 u residenti 20A Triq Inguanez Rabat Malta.

Akkuzat talli fid-19 ta’ Novembru 2007, ghall-habta ta’ 10.30a.m. fi Triq il-Kbira Hamrun saq vettura numru FBL 025 u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offieza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Vincent Oliver Abela skond kif icceritifika Dr. Kelvin Cortis MD tal-MDH.

Il-prosekuzjoni talbet lill-Qorti li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat l-artikoli 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan huwa kaz dwar incident li sehh nhar id-19 ta’ Novembru 2007 f’l-inkorcju (T-Junction) bejn Triq il-Kbira u Triq Cordina Perez fil-Hamrun.

Illi l-parte leza, Vincent Oliver Abela, kien ghadu kif hareg mill-British Bar fi Triq il-Kbira Hamrun u rid jaqsam Triq Cordina Perez. Hu jispjega li meta wasal f’tarf il-bankina hares lejn ix-xellug ra van xi mitt metru ‘l boghod u beda jaqsam ghaliex dehrlu li kellu bizzejjed cans biex jaqsam. Jkompli jghid li beda jaqsam minn fejn jghaddu l-wheelchairs (il-Qorti bil-fors ghandha tipprezumi li Abela qed jirreferi ghar-rampa li tidher sew fir-ritratt esebiet minnu) u li f’daqqa sab il-van fuqu li tefghu ma’l-art bid-daqqa; kien lahaq qasam nofs it-triq. Jghid ukoll li l-vettura li ra gejja (il-van misjuqa mill-imputat) kienet gejja maghaggla ghalkemm mhux bi speed ecessiv.

Illi l-imputat min-naha l-ohra jghid li huwa kien qed isuq van fi Triq Cordina Perez, meta wasal f’l-inkrocju ma Triq

il-Kbira waqqaf biex jesplora t-triq u hekk kif rega' beda jsuq (bil-kemm miexi) sema' hoss u ra lil Abela ma'l-art man-naha ta' quddiem tal-van. Hu jghid li l-ewwel darba li ra lil Abela kien wara li sema l-hoss u rah ma'l-art. Ghalkemm ma tirrizultax mid-depozizzjoni tieghu pero ezami ta'l-iskizz (il-korettezza ta'liema mhiex kontestata mill-imputat) jindika li l-imputat kien ser jipprocedi fid-direzzjoni 'l fuq fi Triq il-Kbira u cioe fid-direzzjoni ta' Santa Venera.

Illi jirrizulta mir-ritratt esebiet minn Abela u mid-depozizzjoni ta'l-imputat li hemm qbiel dwar fejn sehh l-impatt u li Abela waqa quddiem il-van u mhux mal-genb taghha.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti ghandha tirrileva mill-ewwel li l-verzjoni mghotija minn Abela ma kenitx versoimili f'l-aspetti kollha taghha.

Illi hu jghid li l-vettura misjuqa mill-imputat kienet gejja bi speed imghaggel u l-ewwel darba li raha kienet xi mitt metru 'l boghod. F'dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehma li huma relevanti xi osservazzjonijiet: jekk l-imputat kien verament qed isuq bi speed mghaggel Abela qatt ma messu qasam it-triq; in oltre l-provi (u cioe in-nuqqas ta' break marks, in-nuqqas ta' hsara bhala rizultat ta'l-impatt fil-vettura misjuqa mill-imputat, u l-fatt li bhala rizulta ta' l-impatt l-imputat ma ttajjarx imma waqa immedjatament quddiem il-vettura) juru li kuntrarjament ghal dak li jghid Abela l-imputat ma kienx ghaddej bi speed mghaggel.

Illi Abela jispjega wkoll li hekk kif kien fuq il-bankina (gej mill-British Bar) waqaf, hares lejn in-naha tax-xellug, qal li ra l-vettura xi mitt metru 'l boghod (gejja mghaggla) iddecieda li ghandu cans jaqsam u beda jaqsam; hu spjega ukoll li huwa niezel mir-rampa (minn fejn jaqsmu bil-wheelchair). Hawn ukoll huma relevanti xi osservazzjionijiet: ir-ritratt esebiet mill-istess Abela juri kjarament li minn ikun niezel ir-rampa in ezami assolutament ma jistax jara traffiku gej minn Triq Cordina

Perez hlif meta dawn il-vetturi jkunu waslu propju f'l-inkrocju.

Illi minkejja dawn l-inkonsistenzi fil-verzjoni mghotija minn Abela hemm xi fatti li jirrizultaw ampjament mill-provi: jirrizulta pruvat li Abela kien lahaq qasam nofs tat-triq meta sehh l-impatt; jirrizulta li Abela ntlaqat mill-parti ta' quddiem tal-vettura; u jirrizulta ukoll li ghalkemm l-imputat jghid li waqqaf, hares 'l isfel u 'l fuq (qabel ma rega' beda jsuq) ma rax lil Abela li kien lahaq qasam nofs it-triq li fiha kien qieghed l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi minn dan il-kwadru ta' fatti ghalkemm ma jirrizultax li l-imputat kien qed isuq bi speed ecessiv jirrizulta li huwa naqas li jara dak li kien in plain view u cioe naqas li jara lil Abela sa kemm dan kien lahaq qasam nofs it-triq. Dan huwa nuqqas da parti ta' l-imputat li jzomm 'l hekk imsejha proper look out.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti hija tal-fehma li kien hemm negligenza kontributorja da parti ta' Abela ghaliex huwa qatt ma kellu jibda jaqsam mill-punt minn fejn huwa beda jaqsam tenut kont li minn hemm huwa ma setghax jesplora t-triq b'mod li jkun cert li jista' jilhaq jaqsam it-triq kollha qabel ma jaslu vetturi f'l-inkrocju.

Illi dwar in-natrura tal-griehi sofferti l-Qorti tirreferi ghar-rapport u ghad-depozizzjoni tal-Professur Fredrick Zammit Maempel li minnhom jirrizulta li l-griehi sofferti minn Abela jaqaw taht definizzjoni ta' dak predispost f'l-artikolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni x'kien in-nuqqas ta'l-imputat, in-negligenza kontributorja tal-parte leza, u l-fedina penali ta'l-imputat li ghallkemm mhiex netta lanqas m'hi wahda preokkupanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-

imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta’ elf u hames mitt Euro (€1,500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------